# IL-KORAN DWAR IL-GWERRA U L-PAĊI




AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

# Il-Koran dwar il-Gwerra u l-Paċi

**Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad**[ra]
It-Tieni Suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Maħdi[as],
Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya fl-Iżlam

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

# The Quran on War & Peace
# In Maltese Language

© Islam International Publications Ltd

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2019)

Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel**: +356-27342401 - **Mob:** +356-79320139
**Email: amjmalta@gmail.com**

**www.ahmadiyya.mt**

ISBN: 978-99957-59-31-5

Il-Qoxra: Dirk Ercken | Shutterstock

# Introduzzjoni

Din is-silta hija meħuda mill-ktieb ta' Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad[ra] − it-Tieni Suċċessur tal-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana.

Kritika mmirata lejn il-Koran Imqaddes hija li l-versi tiegħu jinstigaw il-vjolenza. Imma f'din is-silta meħuda minn *Life of Muhammad[sa]*, il-bijografija tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] miktuba minn Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad[ra], Kalifatul-Masiħ II, se naraw li tifsira dettaljata tal-versi fil-Koran Imqaddes dwar il-gwerra se turi kemm verament il-Musulmani huma mħeġġa biex jaħdmu għall-paċi kull fejn hu possibbli.

Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad[ra] (1889-1965) ġie elett bħala Kalif u Kap tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana fl-età bikrija ta' 24 sena meta l-Komunità kienet għadha fl-infanzja tagħha u għenha biex tissaħħaħ għal aktar minn 50 sena bit-tmexxija spiritwali tiegħu, bit-talb, bid-dmija, bid-dmugħ u bit-tbatija tiegħu.

Bl-intelliġenza fina tiegħu, bl-intellett żviluppat tiegħu, bil-kapaċità profonda u estensiva fl-istudji u, fuq kollox, bl-għerf tiegħu mogħti minn Alla, huwa rnexxielu joħloq ġabra enormi ta' kitbiet, diskorsi, eċċ.

Huwa kellu ħerqa kbira biex iwassal it-tagħlim u l-prinċipji ġenwini tal-Iżlam fl-imħuħ u l-qlub tal-membri tal-Komunità. Huwa xtaq li l-membri jsiru rappreżentanti denji tal-Iżlam u jipprattikaw it-tagħlim tal-Iżlam fil-ħajja ta' kuljum tagħhom.

**Imam Laiq Ahmed Atif**
President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

بسم الله الرحمن الرحيم

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

# IL-KORAN DWAR IL-GWERRA U L-PAĊI

"It-tagħlim tal-Iżlam huwa differenti minn dawn iż-żewġ perċezzjonijiet. Jieħu pożizzjoni aktarx bejniethom. L-Iżlam ma jħeġġiġx il-vjolenza bħalma għamel Mosè[as], jew bħall-Kristjaneżmu tal-lum li jikkontradixxi t-tagħlim ta' Mosè[as]. L-Iżlam ma jgħidilniex biex indawru wiċċna n-naħa l-oħra u fl-istess ħin inbigħu ħwejjiġna biex nixtru xabla. It-tagħlim tal-Iżlam jaqbel mal-istinti naturali tal-bniedem u jippromwovi l-paċi bl-uniku mod possibbli.

L-Iżlam ma jippermettix l-aggressjoni, iżda jħeġġiġna biex niġġieldu jekk in-nuqqas ta' ġlied jikkomprometti l-paċi u jkabbar l-eventwalità tal-gwerra. Jekk in-nuqqas ta' ġlied ifisser il-qirda ta' twemmin ħieles u t-tiftix tal-verità, mela hu dmir tagħna li niġġieldu. Dan hu t-tagħlim li fuqu fl-aħħar mill-aħħar għandha tissejjes il-paċi, u dan hu t-tagħlim li fuqu l-Profeta[sa] bena l-prinċipji u l-għemil tiegħu. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] bata bla waqfien u b'mod koerenti waqt li kien Mekka iżda ma rribattiex

l-aggressjoni li tagħha kien vittma innoċenti. Meta emigra lejn Medina, l-għadu kien determinat li jeqred l-Iżlam; għalhekk kien meħtieġ li l-għadu jitwaqqaf għad-difiża tal-verità u l-ħelsien tat-twemmin.

Se nikkwotaw hawn taħt is-siltiet mill-Koran li jittrattaw it-tema tal-gwerra.

(1) Fi 22: 40-42 insibu:

> **Permess għall-ġlied jingħata lil dawk li kontrihom issir il-gwerra, għaliex ikunu ġew trattati ħażin – u Alla tabilħaqq għandu l-poter li jgħinhom – Dawk li tkeċċew minn djarhom inġustament minħabba li lissnu biss, "Il-Mulej hu Alla tagħna" – U kieku Alla ma jwarrabx xi wħud bis-saħħa ta' oħrajn, kieku żgur twaqqgħu kjostri u knejjes u sinagogi u moskej fejn fihom jiġi mfaħħar ta' spiss l-isem ta' Alla. U Alla żgur jgħin lil xi ħadd li jgħin Lilu. Alla huwa tabilħaqq Setgħani, Qawwi. – Dawk li, jekk Aħna nagħrfuhom f'din id-dinja, josservaw it-talb u jħallsu ż-Żakat (karità) u jħaddnu t-tajjeb u jwarrbu l-ħażin. U Alla għandu l-aħħar kelma għall-ħwejjeġ kollha.**

Dawn il-versi jagħtu x'tifhem li permess għall-ġlied jingħata lill-vittmi ta' aggressjoni. Alla għandu ħila kbira biex jgħin lill-vittmi – dawk li tkeċċew minn djarhom minħabba t-twemmin tagħhom. Dan il-permess huwa għaqli għaliex, jekk Alla ma jwarrabx il-ħażin bis-saħħa tat-tajjeb, allura ma jkunx hemm libertà tal-fidi u qima fid-dinja. Alla jrid jgħin lil dawk li jħabirku biex jistabbilixxu l-ħelsien u l-venerazzjoni.

Dan ifisser li l-ġlied huwa permess meta poplu jkun ilu jsofri għal żmien twil minn aggressjoni bla raġuni valida u meta l-aggressur ma kellux raġuni għall-vjolenza u jipprova jiżżattat fir-reliġjon tal-vittma. Id-dmir tal-vittma, jekk u meta jikseb il-poter, huwa li jistabbilixxi l-libertà tal-fidi u li jiddefendi r-reliġjonijiet kollha u l-imkejjen kollha reliġjużi. Il-poter tiegħu għandu jintuża mhux għall-glorifikazzjoni tiegħu nnifsu, iżda għall-kura tal-fqar, għall-progress tan-nazzjon u għall-promozzjoni ġenerali tal-paċi.

Dan it-tagħlim huwa uniku daqskemm huwa ċar u preċiż. Huwa jixhed il-fatt li l-Musulmani tal-bidu kienu jiġġieldu għaliex kienu kostretti li jagħmlu dan. Gwerer vjolenti ma kinux aċċettati mill-Iżlam. Il-Musulmani huma mwiegħda li jkollhom il-poter politiku, iżda huma mwissija li dan il-poter m'għandux jintuża għat-tkabbir personali, iżda għall-avvanz tal-foqra u għall-promozzjoni tal-paċi u l-progress.

(2) F’2: 191-194 insibu:

> **U ġġieldu għall-kawża ta’ Alla kontra dawk li jeħduha magħkom, iżda tiksrux il-liġi. Tassew, Alla ma jiħux gost b’dawk li jiksru l-liġi. U oqtluhom kull fejn tiltaqgħu magħhom u keċċuhom minn fejn huma keċċew lilkom; għaliex il-persekuzzjoni hija agħar mill-qtil. U tiġġildux magħhom ġewwa, u qrib, il-Moskea s-Sagra ħlief jekk jiġġieldu huma magħkom, hemmhekk tridu tiġġieldu: dak huwa l-kumpens għal min ma jemminx. Iżda jekk huma jieqfu, imbagħad tabilħaqq Alla Jaħfer Kollox, għaliex Huwa Ħanin. U ġġieldu sakemm tintemm il-persekuzzjoni, u r-reliġjon hija dikjarata għal Alla. Iżda jekk jieqfu, ftakru li l-ebda ostilità mhi permessa ħlief kontra l-aggressuri.**

Il-ġlied għandu jkun f’isem Alla, mhux għalina nfusna jew minħabba r-rabja jew l-avvanz tagħna, u anki dan il-ġlied ma jridx ikun eċċessiv, għaliex l-eċċessi ma jintgħoġbux minn Alla. Il-ġlied għandu jkun bejn gruppi ta’ ġellieda. Attakki fuq individwi mhumiex permessi. L-aggressjoni kontra reliġjon għandha tintlaqa’ minn reżistenza attiva, għaliex din it-tip ta’ aggressjoni hija agħar mit-tixrid ta’ demm. Il-Musulmani m’għandhomx jissieltu qrib

il-Moskea s-Sagra, ħlief jekk l-attakk isir l-ewwel mill-għadu. Il-ġlied qrib il-Moskea s-Sagra jtellef id-dritt pubbliku tal-pellegrinaġġ. Iżda jekk l-għadu jattakka, il-Musulmani għandhom dritt li jirritaljaw, għax dan huwa l-prezz ġust tal-vjolenza. Iżda jekk l-għadu jieqaf, il-Musulmani għandhom jieqfu wkoll, u jaħfru u jinsew l-imgħoddi. Il-ġlied għandu jibqa' għaddej sakemm tibqa' l-persekuzzjoni reliġjuża u ma tkunx stabbilita l-libertà tat-twemmin. Ir-reliġjon hi għal Alla. L-użu tal-forza jew pressjoni fir-reliġjon huwa ħażin. Jekk il-Kafirs (l-infidili) jieqfu u jilliberaw ir-reliġjon, il-Musulmani m'għandhomx għaliex jiġġieldu mal-Kafirs. Il-ġlied jibqa' għaddej kontra dawk li jibqgħu jkunu eċċessivi. Meta l-eċċessi jieqfu, il-ġlied għandu jieqaf ukoll.

B'mod kategoriku, nistgħu ngħidu li s-siltiet jindikaw ir-regoli li ġejjin:

(i) Għandna nirrikorru għall-gwerra f'isem Alla biss u mhux minħabba motivi egoistiċi, jew għall-avvanz jew għat-titjib ta' interessi oħra.

(ii) Nistgħu nattakkaw biss lil dawk li jattakkawna l-ewwel.

(iii) Nistgħu nissieltu biss ma' dawk li jkunu qed jiġġieldu kontrina. Ma nistgħux nattakkaw lil dawk li mhumiex qed jieħdu sehem fil-ġlied.

(iv) Anki wara li l-għadu jkun beda l-attakk, huwa d-dmir tagħna li nillimitaw il-ġlied. Huwa ħażin ħafna li ntawlu l-gwerra, jew minħabba raġuni ta' territorju jew minħabba l-armi użati.

(v) Irridu nitqabdu biss ma' armata regolari mqabbda mill-għadu biex tiġġieled f'ismu. M'għandniex niġġieldu ma' oħrajn li jinsabu biss fuq in-naħa tal-għadu.

(vi) Tul il-ġlied trid tingħata immunità lil riti u ċerimonji reliġjużi. Jekk l-għadu jħares dawk il-postijiet fejn isiru ċ-ċerimonji reliġjużi, mela l-Musulmani wkoll iridu jieqfu milli jiġġieldu f'dawn l-imkejjen.

(vii) Jekk l-għadu juża post ta' qima bħala bażi għall-attakki tiegħu, il-Musulmani jistgħu jattakkawh lura. Ma jkollhom l-ebda ħtija jekk iwettqu dan. L-ebda ġlied mhu permess lanqas fl-akkwati ta' mkejjen reliġjużi. Huwa assolutament projbit li wieħed jattakka postijiet reliġjużi jew li jeqridhom jew li jwettaq xi forma ta' ħsara fihom. Lok reliġjuż li jkun qed jintuża bħala bażi għall-manuvrar jista' jiġi attakkat. Ir-responsabbiltà tal-ħsara li ssir fil-post taqa' fuq l-għadu u mhux fuq il-Musulmani.

(viii) Jekk l-għadu jintebaħ bil-periklu u bl-iżball li

jkun qed juża mkien reliġjuż bħala l-bażi tiegħu, u jwarrab minn hemm, mela l-Musulmani jridu jikkonformaw ma' dik il-bidla. Il-fatt li l-għadu jkun beda l-attakk minn post reliġjuż ma jistax jintuża bħala skuża biex dak il-lok jiġi attakkat. B'rispett il-Musulmani wkoll iridu jbiddlu l-front tal-battalja hekk kif jagħmel l-għadu.

(ix) Il-ġlied għandu jibqa' għaddej sakemm jintemm l-indħil fir-reliġjon u l-libertà tat-twemmin. Meta r-reliġjon issir ħielsa u l-indħil fiha ma jibqax tollerat u l-għadu jiddikjara dan u jibda jaġixxi sewwa, hemmhekk għandu jieqaf il-ġlied, anki jekk ikun l-għadu li bdieh.

(3) F'8: 39-41 insibu:

> **Għidu lil dawk li ma jemmnux, li jekk jieqfu, l-imgħoddi tagħhom ikun maħfur; u jekk jerġgħu għal li kienu, mela tassew li l-eżempju tal-poplu ta' qabel ikun reġa' tfaċċa quddiemhom.**
> **U ġġildulhom sakemm ma jkunx hemm persekuzzjoni u r-reliġjon issir kollha għal Alla. Iżda jekk jieqfu, żgur li Alla jkun qed jara x'inhuma jagħmlu. U jekk idawru daharhom, kunu afu li Alla jipproteġikom. Huwa Eċċellenti għall-protezzjoni u għall-għajnuna.**

Mela dan ifisser li l-gwerer ġew sfurzati fuq il-Musulmani. Iżda jekk l-għadu jieqaf, huwa d-dmir tal-Musulmani li jieqfu wkoll, u jaħfru l-passat. Iżda jekk l-għadu ma jiqafx u jattakka l-ħin kollu lill-Musulmani, mela jrid jiftakar fid-destin tal-għedewwa tal-Profeti ta' qabel (il-Qaddis Profeta Muħammad[sa]). Il-Musulmani għandhom jiġġieldu, sakemm tieqaf il-persekuzzjoni reliġjuża, u sakemm ir-reliġjon ma tkunx dedikata għal Alla u l-indħil f'affarijiet reliġjużi ma jitwaqqafx. Meta l-aggressur jieqaf, il-Musulmani għandhom jieqfu wkoll. M'għandhomx ikomplu jiġġieldu għaliex l-għadu jemmen f'reliġjon falza. Alla jagħraf sewwa l-valur tat-twemmin u tal-għemil u Huwa jippremjahom kif jixtieq Huwa. Il-Musulmani m'għandhom l-ebda dritt li jindaħlu f'reliġjon ta' poplu ieħor anki jekk huma jemmnu li dik ir-reliġjon hija falza. Jekk anki wara offerta ta' paċi l-għadu ma jwaqqafx il-ġlied, il-Musulmani jkollhom rebħa ċerta anki jekk in-numri tagħhom ikunu żgħar. Għaliex Alla jgħinhom u min jista' jgħin aħjar minn Alla?

Dawn il-versi ġew rivelati b'konnessjoni mal-Gwerra ta' Badr. Din il-battalja kienet l-ewwel battalja regolari bejn il-Musulmani u l-infidili. Fiha l-Musulmani kienu vittmi ta' vjolenza mhux ipprovokata. L-għadu kien għażel li jħarbat il-paċi ta' Medina u l-inħawi ta' madwar. Minkejja dan, il-Musulmani kienu rebħu u kienu nqatlu mexxejja importanti tal-għadu. Ir-ritaljazzjoni kontra aggressjoni mhux ipprovokata bħalma kienet din dehret naturali, ġusta u neċessarja. Madanakollu l-Musulmani huma mgħallma li

jridu jwaqqfu l-ġlied eżatt fil-mument li jwaqqfu l-għadu. Kulma huwa mitlub li jċedi l-għadu huwa l-libertà tat-twemmin u l-qima.

(4) F'8: 62-63 insibu:

> **U jekk huma jkunu qed jersqu lejn il-paċi, ersqu lejha intom ukoll, u poġġu l-fiduċja tagħkom f'Alla. Tassew, huwa Huwa li Jisma' Kollox, Jaf Kollox. U jekk ikollhom intenzjoni li jqarrqu bikom, żgur li Alla jkun biżżejjed għalikom. Huwa li qawwiekom bl-għajnuna Tiegħu u bil-kredenti.**

Dan ifisser li jekk tul il-battalja l-infidili f'xi ħin ikunu qed jersqu lejn il-paċi, il-Musulmani għandhom jaċċettaw l-offerta mill-ewwel u jagħmlu paċi wkoll. Il-Musulmani għandhom jagħmlu hekk anki jekk ikun hemm riskju ta' ingann. Għandhom iqiegħdu l-fiduċja tagħhom f'Alla. Id-diżonestà ma taħdimx fuq il-Musulmani għaliex jiddependu fuq l-għajnuna t'Alla. Ir-rebħiet tagħhom ma jiddependux mill-ħila tagħhom stess iżda minn Alla. Fl-aktar żminijiet koroh u diffiċli, Alla għen lill-Profeta[sa] u lid-dixxipli tiegħu. Għalhekk Huwa jgħinhom kontra l-ingannaturi. Offerta ta' paċi għandha tiġi aċċettata. M'għandhiex tiġi rifjutata bl-iskuża li tista' tkun strateġija ta' ingann biex l-għadu jfittex li jikseb aktar ħin biex jattakka mill-ġdid.

L-enfasi fuq il-paċi fis-siltiet mhijiex bla sinifikat. Hija tantiċipa l-paċi li l-Profeta[sa] ffirma f'Ħudajbija. Il-Profeta[sa] huwa ammonit li jasal żmien fejn l-għadu jagħmel talba għall-paċi b'mod formali. L-offerta ma tistax tiġi rifjutata fuq il-premessa li l-għadu kien l-aggressur u kkommetta atroċitajiet, jew li ma jistax jiġi fdat. It-triq it-tajba sostnuta mill-Iżlam titlob li l-Musulmani jaċċettaw l-offerta ta' paċi. Kemm it-tjubija kif ukoll l-idea jagħmlu l-offerta attraenti.

(5) F'4: 95 insibu:

> **Intom li temmnu! Meta tersqu 'l quddiem għall-kawża t'Alla, agħmlu investigazzjoni sewwa u tgħidux lil kull min jilqagħkom b'tislima ta' paċi, "Inti ma temminx." Intom tfittxu l-aqwa ta' din id-dinja, iżda f'Alla hemm l-aqwa ħwejjeġ b'abbundanza. Hekk kontu intom qabel dan, iżda Alla wera ġentilezza magħkom; għalhekk agħmlu t-tiftix b'reqqa. Tassew, Alla jaf sewwa x'intom tagħmlu.**

Dan ifisser li meta l-Musulmani jmorru jiġġieldu, iridu jkunu ċerti li l-għadu jkun fehem kemm il-gwerra hija bla sens iżda li xorta dan jibqa' jixtieqha. Minkejja dan, jekk tasal proposta ta' paċi minn xi individwu jew grupp, il-Musulmani m'għandhomx jirrifjutawha bl-iskuża li din tista' ma tkunx ġenwina. Jekk il-Musulmani jirrifjutaw

l-offerti ta' paċi, huma ma jkunux qed jissieltu għal Alla, iżda għall-avvanz u l-profitti materjali tagħhom. Bħalma l-fidi tiġi minn Alla, hekk ukoll il-profitti materjali u l-glorja jiġu Minnu. Il-qtil m'għandux ikun l-għan ewlieni. Wieħed li nixtiequ noqtlu llum jista' jiġi ggwidat għada. Il-Musulmani setgħu jsiru Musulmani kieku ma ġewx salvati? Il-Musulmani għandhom joqogħdu lura mill-qtil għaliex il-ħajjiet li jiġu salvati jistgħu jinbidlu f'ħajjiet mimlija devozzjoni. Alla jaf sewwa x'jagħmlu l-bnedmin u b'liema għanijiet u motivi jsiru.

Il-vers jurina li anki wara li tkun bdiet il-battalja, huwa fid-dmir tal-Musulmani li jiċċekkjaw sewwa li l-għadu jkun għadu determinat li jużа l-aggressjoni. Ħafna drabi jiġri li ma jkunx hemm intenzjoni ta' vjolenza iżda minħabba l-eċitament u l-biża' l-għadu jkun beda t-tħejjijiet għall-gwerra. Jekk il-Musulmani ma jkunux ċerti li l-għadu jkun ħejja attakk feroċi, mela huma m'għandhomx jibdew il-ġlied. Jekk jirriżulta, jew l-għadu jinsisti li t-tħejjijiet tiegħu kienu saru biex jiddefendi lilu nnifsu, mela l-Musulmani jridu jaċċettaw din id-dikjarazzjoni u jieqfu mill-ġlied. M'għandhomx jilmentaw li l-preparamenti tal-għadu ma jwasslu għal xejn ħlief il-vjolenza; forsi kellu intenzjoni ta' ġlied, iżda l-intenzjoni tiegħu nbidlet. L-intenzjonijiet u l-motivi mhux il-ħin kollu jinbidlu? Ma kienx hemm għedewwa tal-Iżlam li mbagħad saru ħbieb?

(6) Dwar l-importanza tal-onorar tat-trattati l-Koran jgħid ċar u tond:

**Rigward dawk tal-infidili li magħhom intom għamiltu ftehim u li konsegwentement ma naqsukom minn xejn jew għenu lil xi ħadd kontrikom. Għalhekk onoraw il-ftehim li għamiltu magħhom sal-aħħar. Tassew, Alla jħobb lil dawk li huma onesti. (9:4)**

Dawk il-pagani, li jagħmlu ftehim mal-Musulmani, jonoraw il-patt u ma jgħinux lill-għadu kontra l-Musulmani, għandu jkollhom trattament simili mill-Musulmani. Id-devozzjoni titlob li l-Musulmani għandhom jonoraw il-parti tagħhom tal-ftehim skont il-kitba kif ukoll fl-ispirtu.

(7) Dwar l-għadu miġġieled mal-Musulmani li jixtieq jgħarbel il-Messaġġ tal-Iżlam, il-Koran jordna:

**U jekk xi ħadd mill-infidili jitlob protezzjoni minnek, agħtih din il-protezzjoni, ħalli huwa jkun jista' jisma' l-kelma t'Alla: imbagħad ħudu fil-post sigur tiegħu. Dan għaliex huma poplu bla għarfien. (9:6)**

Dan ifisser li jekk xi ħadd minn dawk li jkunu qed jiġġieldu mal-Musulmani jfittex kenn mingħandhom stess biex jistudja l-Iżlam u jaħseb dwar il-Messaġġ tiegħu, huwa għandu jingħata kenn mill-Musulmani għal perjodu li huwa raġonevolment neċessarju għal dan il-għan.

(8) Dwar il-priġunieri tal-gwerra, il-Koran jgħallem:

> **Mhix ħaġa xierqa għal Profeta li jkollu l-priġunieri sakemm ma jkunx involut fi ġlied regolari fil-pajjiż. Intom tixtiequ l-affarijiet tad-dinja, filwaqt li Alla jixtiqilkom il-Ħajja ta' wara din id-dinja. U Alla huwa Qawwi, Mimli Dehen. (8:68)**

Dan ifisser li mhux xieraq għal Profeta li jkollu priġunieri tal-għadu ħlief bħala riżultat ta' gwerra fit-tul li tinvolvi ħafna tixrid ta' demm. Is-sistema, li jittieħdu l-priġunieri minn tribujiet tal-għadu mingħajr ġlied u tixrid ta' demm li baqgħet ipprattikata sa – u anki wara – il-miġja tal-Iżlam, hawnhekk qed issir illegali. Il-priġunieri jistgħu jittieħdu biss mill-ġellieda u wara l-battalja.

(9) Tniżżlu wkoll regoli dwar il-ħelsien ta' priġunieri. Għalhekk insibu:

> **Imbagħad wara jew eħilsuhom bi pjaċir tagħkom jew bi ħlas – sakemm jintemm il-ġlied. (47:5)**

L-aħjar ħaġa, skont l-Iżlam, huwa li tillibera l-priġunieri mingħajr ma titlob xejn tagħhom. Iżda minħabba li dan mhux dejjem possibbli, jista' jkun hemm ukoll il-ħelsien b'xi forma ta' kumpens.

(10) Hemm provvediment għall-priġunieri tal-gwerra li ma jkunux jistgħu jħallsu, jew li ma jkollhom lil ħadd li jkun jista' jħallas għall-ħelsien tagħhom. Ħafna drabi, il-qraba jkunu jistgħu jħallsu, iżda dan ma jagħmluhx, għaliex ikunu jippreferu li qrabathom jibqgħu priġunieri – possibbilment bl-intenzjoni li jiħdulhom il-proprjetà fl-assenza tagħhom. Dan il-provvediment jinsab fil-Koran:

> **U dawk (*l-ilsiera*) li għandkom f'idejkom li jitolbu l-kitba, iktbuha lilhom, jekk issibu xi ġid fihom; u agħtuhom mill-ġid li Alla takom. (24:34)**

Dan ifisser li dawk li ma jistħoqqilhomx jinħelsu mingħajr fidwa iżda li ma għandhom lil ħadd li jagħmillhom tajjeb – jekk xorta jitolbu għall-ħelsien tagħhom – jistgħu jiksbuh billi jiffirmaw garanzija li jekk jitħallew jaħdmu u jaqilgħu l-flus, jistgħu jħallsu l-fidwa tagħhom. Jistgħu jitħallew jagħmlu dan, madanakollu, jekk ikun hemm ċertezza dwar il-kompetenza tagħhom li jaħdmu u jaqilgħu l-għajxien tagħhom. Jekk il-kompetenza tagħhom tkun garantita, għandu jkollhom ukoll għajnuna finanzjarja mill-Musulmani għall-isforz tagħhom li jaħdmu u jaqilgħu l-flus. Individwi Musulmani li jaffordjaw għandhom jgħinu finanzjarjament; jew, is-somma pubblika sottoskritta għandha tiżdied biex dawn l-imsieken iqumu fuq saqajhom.

Is-siltiet mill-Koran li kkwotajna hawn fuq iħaddnu t-tagħlim tal-Iżlam dwar is-suġġett tal-gwerra u l-paċi. Juruna f'liema ċirkustanzi, skont l-Iżlam, huwa xieraq li tmur għall-ġlied u liema limitazzjonijiet iridu jiġu osservati mill-Musulmani meta jmorru għall-gwerra.

## IR-REGOLI TAL-PROFETA[SA] DWAR IL-GWERRA

It-tagħlim tal-Iżlam, madanakollu, ma jikkonsistix biss mir-regoli mniżżla fil-Koran. Jinkludi wkoll il-preċetti u l-eżempju tal-Profeta[sa]. Dak li wettaq jew dak li għallem f'sitwazzjonijiet konkreti huwa wkoll parti essenzjali mit-tagħlim tal-Iżlam. Se nniżżlu hawn xi diskorsi tal-Profeta[sa] dwar is-suġġett tal-gwerra u l-paċi.

(i) Il-Musulmani huma assolutament ipprojbiti li jbiċċru l-mejtin. (*Muslim*)

(ii) Il-Musulmani huma pprojbiti li jirrikorru għall-ingann. (*Muslim*)

(iii) It-tfal u n-nisa m'għandhomx jinqatlu. (*Muslim*)

(iv) Qassisin, uffiċjali reliġjużi u mexxejja reliġjużi m'għandux ikollhom indħil. (*Taħavi*)

(v) L-anzjani u l-magħkusin u n-nisa u t-tfal m'għandhomx jinqatlu. Il-possibbiltà tal-paċi trid dejjem tittieħed inkonsiderazzjoni. (*Abu Dawud*)

(vi) Meta l-Musulmani jinvadu t-territorju tal-għadu, m'għandhomx iwerwru lill-popolazzjoni kollha. M'għandhom jaċċettaw l-ebda moħqrija tan-nies. (*Muslim*)

(vii) Armata Musulmana m'għandhiex tissetilja f'post li jkun ta' inkonvenjent għall-pubbliku inġenerali. Meta timxi minn post għal ieħor għandha tara li ma timblokka lil ħadd u ma toħloqx inkonvenjent lil vjaġġaturi oħra.

(viii) L-ebda sfigurar tal-wiċċ mhu permissibbli. (*Bukhari* u *Muslim*)

(ix) L-għadu għandu jsofri l-inqas imwiet possibbli. (*Abu Dawud*)

(x) Meta jinġabru flimkien il-priġunieri tal-gwerra, dawk li jiġu minn xulxin għandhom jitqiegħdu flimkien. (*Abu Dawud*)

(xi) Il-priġunieri għandhom jgħixu fil-kumdità. Il-Musulmani għandhom jaraw li l-priġunieri huma komdi aktar minnhom infushom. (*Tirmiżi*)

(xii) Diplomatiċi u delegati minn pajjiżi oħra għandhom jintlaqgħu b'rispett kbir. Xi żbalji jew skorrettezzi li jwettqu għandhom jiġu injorati. (*Abu Dawud, Kitab al jihad*)

(xiii) Jekk Musulman jikkommetti d-dnub li jittratta ħażin priġunier tal-gwerra, isir rimedju billi l-priġunier jinħeles mingħajr fidwa.

(xiv) Meta Musulman jieħu ħsieb priġunier tal-gwerra, dan tal-aħħar għandu jiġi mitmugħ u mlibbes bl-istess manjiera tal-Musulman innifsu. (*Bukhari*)

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] tant insista fuq dawn ir-regoli għal dawk li jkunu qed jiġġieldu li ddikjara li kull min ma jonorax dawn il-preċetti ma jkunx qed jissielet għal Alla iżda għalih innifsu. (*Abu Dawud*)

Abū Bakr[ra], l-Ewwel Kalif tal-Iżlam, żied ma' dawn l-ordnijiet tal-Profeta[sa] xi wħud oħrajn. Waħda minn dawn ir-regoli mniżżla hawn tagħmel parti mit-tagħlim Musulman:

(xv) Bini pubbliku u siġar li jkattar il-frott (u wċuħ tar-raba') m'għandhomx jiġu meqruda. (*Muatta*)

Mid-diskorsi tal-Profeta[sa] u l-ordnijiet tal-Ewwel Kalif tal-Iżlam jidher ċar li l-Iżlam ħoloq strateġiji li għandhom l-effett li jipprevenu jew iwaqqfu gwerra jew inaqqsu

l-ħsara tagħha. Kif għedna qabel, il-prinċipji li jgħallem l-Iżlam mhumiex regoli twajbin biss; għandhom il-prattiċità tagħhom fl-eżempju tal-Profeta[sa] u tal-ewwel Kalifi tal-Iżlam. Kif taf id-dinja kollha, il-Profeta[sa] mhux biss għallem dawn il-prinċipji; huwa ppratikahom u insista fuq l-osservanza tagħhom.” (1)

[1] *Life of Muhammad[sa]*, is-Sitt Edizzjoni ppubblikata fir-Renju Unit f’Marzu f’2013, p.108-118

**"THE QURAN ON WAR AND PEACE."** This is a Maltese translation of the writing taken from *Life of Muhammad*[sa] written by Hazrat Mirza Bashiruddin Mahmud Ahmad[ra], Khalifatul-Masih II.

**www.ahmadiyya.mt**

9 789995 759315